MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-9 ta' April, 2015

Rikors Numru. 39/2015

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-esponent u l-intimata kienu zzewgu nhar l-ghoxrin ta’ Jannar elf disgha mija u disghin (20/1/1990) u kellhom erbat itfal,  illum kollha maggorenni;

Illi l-partijiet isseparaw permezz ta’ kuntratt pubbliku fl-atti tan-nutar Dr Henri Vassallo, nhar is-sbatax ta’ Settembru tas-sena elfejn u hamsa (Dok A);

Illi ai finijiet tas-subartiklu 66B tal-Kap. XV1, diga’ ghaddew iktar minn erba’ snin mis-separazzjoni legali, u ghalhekk dan ir-rekwizit huwa sodisfatt;

Illi ai finijiet tas-subartiklu 66B tal-Kap. XV1 jigi dikjarat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti, u ghalhekk dan ir-rekwizit huwa wkoll sodisfatt;

Illi ma hemm ebda kwistjonijiet rigwardanti manteniment, la fil-konfront ta’ xulxin u lanqas ghal dak li jirrigwarda lil uliedhom;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tawtorizza u tippronunzja d-divorzju bejn Andrew James u Carmen Winters u tiddikjara z-zwieg taghhom mahlul ai termini ta’ l-Artiklu 66A et sequitur tal-Kodici Civili;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta’ Frar, 2015;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta’ Settembru 2005;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------